VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,812, 30 ta' Settembru, 2011
Taqsima B

A.L. 395 tal-2011

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

Regolamenti ta' l-2011 li jemendaw ir-Regolamenti Dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija b'Vetturi bil-Mutur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 3 u 54 tal-Ordinanza Dwar Ir-Regolament Tat-Traffiku, il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija b'Vetturi bil-Mutur u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija b'vetturi bil-Mutur, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 146 ta' 2003.

Jemenda t-aqsim tar-Regolamenti mar-regolamenti prinċipali.

2. It-Taqsim tar-Regolamenti li jinsab mar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi emendat kif ġej: -

(a) l-intestatura "Ġarr Internazzjonali tal-Merkanzija" fit-Taqsima III għandha tiġi mħassra; u

(b) minflok l-intestatura "Disposizzjonijiet Ġenerali 14" għandha tidħol l-intestatura "Disposizzjonijiet Ġenerali 14-30."

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) minnufih wara t-tifsira ta' "AETR" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja: -

"attivitajiet tat-trasport fit-toroq" għandhom jinkludu s-sewqan, it-tagħbija u l-ħatt, it-tindif u l-manutenzjoni teknika u kull xogħol ieħor maħsub

biex jiżgura s-sigurtà tal-vettura, it-tagħbija jew biex iwettqu l-obbligazzjonijiet legali, jew l-obbligazzjonijiet regolatorji, direttament marbuta mal-operazzjoni speċifika tat-trasport li tkun qiegħda sseħħ, inkluż formalitajiet amministrattivi mal-pulizija, id-dwana u l-uffiċjali tal-immigrazzjoni;";

(b) fit-tifsira "ħaddiem mobbli", minflok "b'akkont ta' persuna nnifisha;" għandhom jidħlu l-kliem "għall-akkont tal-impriża nnifisha u jinkludi kull xufier li mhuwiex xufier li jaħdem għal rasu;

(ċ) minflok it-tifsira "ħin ta' xogħol" għandu jidħol dan li ġej :-

"ħin tax-xogħol" tfisser:

(a) fil-każ ta' ħaddiem mobbli, il-ħin mill-bidu sat-tmiem tax-xogħol, li matulu l-ħaddiem mobbli jkun fil-post tax-xogħol tiegħu, għad-disposizzjoni ta' min jimpjegah u jeżerċita l-funzjonijiet jew l-attivitajiet tiegħu, jiġifieri –

(i) il-ħin iddedikat għall-attivitajiet tat-trasport fit-toroq; u

(ii) il-ħinijiet li matulhom hu ma jkunx jista' jiddisponi b'libertà mill-ħin tiegħu u jkun meħtieġ li jkun preżenti fil-post tax-xogħol tiegħu, lest biex jibda bix-xogħol normali, b'ċerti doveri assoċjati ma' li jkun xogħol, partikolarment matul perjodi ta' stennija għat-tagħbija jew l-ħatt meta t-tul ta' żmien għal dawn ma jistax ikun previst minn qabel, jiġifieri jew qabel it-tluq jew minnufih qabel il-bidu effettiv tal-perjodu f'dak il-każ, jew skont ftehim kollettiv jew kull ftehim ieħor bejn min jimpjega u l-ħaddiema mobbli impjegati minnu skont il-liġi nazzjonali;

(b) fil-każ ta' xufier li jaħdem għal rasu, il-ħin mill-bidu sat-tmiem tax-xogħol, li matulu xufier li jaħdem għal rasu jkun fil-post tax-xogħol tiegħu, għad-dispożizzjoni tal-klijent u jeżerċita

l-funzjonijiet jew l-attivitajiet tiegħu, jiġifieri–

(i) il-ħin iddedikat għall-attivitajiet tat-trasport fit-toroq; u

(ii) il-ħinijiet li matulhom is-sewwieq li jaħdem għal rasu ma jkunx jista' jiddisponi b'libertà mill-ħin tiegħu u jkun meħtieġ li jkun preżenti fil-post tax-xogħol tiegħu, lest biex jibda bix-xogħol normali, b'ċerti doveri assoċjati ma' li jkun xogħol, partikolarment matul perjodi ta' stennija għat-tagħbija jew l-ħatt meta t-tul ta' żmien għal dawn ma jistax ikun previst minn qabel, jiġifieri jew qabel it-tluq jew minnufih qabel il-bidu effettiv tal-perjodu f'dak il-każ, jew skont ftehim bejn is-sieħba soċjali:

Iżda, ix-xogħol amministrattiv ġenerali li ma jkunx marbut direttament mal-operazzjoni speċifika tat-trasport li tkun qiegħda sseħħ ma jkunx miftiehem bħala "ħin tax-xogħol;".

(d) minnufih wara t-tifsira "perijodu ta' sewqan" għandha tidħol it-tifsira li jmiss :–

" "persuni li jwettqu attivitajiet mobbli ta' trasport fit-toroq" tfisser kull ħaddiem mobbli jew xufier li jaħdem għal rasu li jwettaq attivitajiet tat-trasport fit-toroq";

(e) fit-tifsira "xufier", minflok il-kliem "liċenzja kif imiss" għandhom jidħlu l-kliem "liċenza li jmiss jew liċenza li hija rikonoxxuta"; u

(f) fit-tifsira ''xufier li jaħdem għal rasu'', minflok il-kliem "liċenza Komunitarja" għandhom jidħlu l-kliem "liċenza maħruġa fl-Unjoni Ewropea";

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) fil-paragrafu (f) tas-subregolament (1) tiegħu, minflok il-kliem "negozju relevanti." għandhom jidħlu l-kliem "negozju relevanti; u"; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (f) tas-subregolament (1) tiegħu għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej: -

"(ġ) dettalji ta' ħaddiema mobbli, jekk ikun il-każ, li huma impjegati jew li ser ikunu impjegati mill-applikant.".

Jemenda r-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali.

5. Fis-subregolament (1) tar-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "Ir-regolamenti 19 sa 33" għandhom jidħlu l-kliem "Ir-regolamenti 26, 27(2), 27(3), 27(4), 27(5), 28(2), 29 u 30".

JemendaTaqsima III tar-regolamenti prinċipali.

6. Fit-Taqsima III tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara r-regolament 18, l-intestatura "Ġarr internazzjonali tal-Merkanzija" għandha tiġi mħassra.

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali

7. Fit-test Ingliż tar-regolament 19 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "minimum ages" għandhom jidħlu l-kliem "minimum age".

Jemenda r- regolament 27 tar-regolamenti prinċipali.

8. Ir-regolament 27 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) fil-paragrafu (a) tas-subregolament (1) tiegħu, minnufih wara l-kliem "inkluża s-sahra, għal ħaddiem mobbli" għandhom jidħlu il-kliem "u xufier li jaħdem għal rasu";

(b) fl-ewwel proviso tal-paragrafu (a) tas-subregolament (1) tiegħu, minflok il-kliem "l-ħin massimu li ħaddiem mobbli jista' jaħdem" għandhom jidħlu l-kliem "l-ħin massimu li ħaddiem mobbli u xufier li jaħdem għal rasu jistgħu jaħdmu";

(ċ) fit-tieni proviso tal-paragrafu (a) tas-subregolament (1) tiegħu, minflok il-kliem "għal ħaddiema mobbli partikolari" għandhom jidħlu l-kliem "għal ħaddiema mobbli u xufiera li jaħdmu għal rashom" u minflok il-kliem "permezz ta' ftehim kollettiv" għandhom jidħlu l-kliem "permezz ta' ftehim kollettiv, ftehim bejn is-sieħba soċjali";

(d) fil-paragrafu (b) tas-subregolament (1) tiegħu, minflok il-kliem "Il-ħin tax-xogħol għal impjegati differenti" għandhom jidħlu l-kliem "Il-ħin tax-xogħol għall-ħaddiema mobbli impjegati minn diversi prinċipali";

VERŻJONI ELETTRONIKA

(e) fil-paragrafu (ċ) tas-subregolament (1) tiegħu, minnufih wara l-kliem "il-ħin tax-xogħol ta' matul il-ġurnata ta' ħaddiem mobbli" għandhom jidħlu l-kliem "u xufier li jaħdem għal rasu";

(f) fil-proviso ta' paragrafu (ċ) tas-subregolament (1) tiegħu, minflok il-kliem "fir-rigward ta' ħaddiema mobbli partikolari" għandhom jidħlu l-kliem "fir-rigward ta' ħaddiema mobbli u xufiera li jaħdmu għal rashom" u minflok il-kliem "permezz ta' ftehim kollettiv" għandhom jidħlu l-kliem "permezz ta' ftehim kollettiv, ftehim bejn is-sieħba soċjali";

(g) fil-paragrafu (f) tas-subregolament (1) tiegħu, il-kliem "minn qabel ma jibda l-perijodu rilevanti" għandhom jiġu mħassra u minflok il-kliem "li dan ikun ser jieħu." għandhom jidħlu l-kliem "li dan ikun ser jieħu qabel il-bidu ta' dak il-perijodu ta' disponibbiltà."; u

(h) is-subregolament (5) tiegħu għandu jiġi mħassar.

9. Ir-regolament 28 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:- Jemenda r-regolament 28 tar-regolamenti prinċipali.

(a) fil-paragrafu (a) tas-subregolament (1) tiegħu, minflok il-kliem "ħaddiema mobbli" għandhom jidħlu l-kliem "persuni li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq";

(b) fil-paragrafu (b) tas-subregolament (1) tiegħu, minflok il-kliem "ħaddiem mobbli" għandhom jidħlu l-kliem "persuna li twettaq attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq"; u

(ċ) fil-paragrafu (ċ) tas-subregolament (1) tiegħu, minflok il-kliem "ħaddiem mobbli" għandhom jidħlu l-kliem "persuna li twettaq attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq".

10. Ir-regolament 29 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:- Jemenda r-regolament 29 tar-regolamenti prinċipali.

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, il-kliem "xufier jew kull" u l-kelma "ieħor" għandhom jiġu mħassra;

(b) fis-subregolament (4) tiegħu, minflok il-kelma "xufier" għandhom jidħlu l-kliem"ħaddiem mobbli";

(ċ) fil-paragrafu (a) tas-subregolament (5) tiegħu, il-kliem "xufier jew kull" u l-kelma "ieħor" għandhom jiġu mħassra;

(d) is-subregolament (7) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala subregolament (6);

(e) fil-paragrafu (b) tas-subregolament (6) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "Meta xufier jew kull ħaddiem mobbli ieħor" għandhom jidħlu l-kliem "Meta ħaddiem mobbli" u minflok il-kliem "għal kull xufier jew ħaddiem mobbli" għandhom jidħlu l-kliem "għal kull ħaddiem mobbli".

(f) is-subregolament (8) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala subregolament (7).

Jemenda r-regolament 30 tar-regolamenti prinċipali.

11. Ir-regolament 30 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej: -

(i) minflok il-kliem "Minkejja d-dispożizzjonijiet tar-regolament 29, xufier u kull ħaddiem mobbli ieħor" għandhom jidħlu l-kliem "Minkejja d-dispożizzjonijiet tar-regolament 29, kull ħaddiem mobbli";

(ii) minflok il-kliem "jista' jiġi interrott minn dak ix-xufier jew ħaddiem mobbli" għandhom jidħlu l-kliem "jista' jiġi interrott minn dak il-ħaddiem mobbli"; u

(iii) minflok il-kliem "ix-xufier jew ħaddiem mobbli għandu jkollu aċċess" għandhom jidħlu l-kliem "il-ħaddiem mobbli għandu jkollu aċċess";

(b) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:-

(i) minflok il-kliem "fir-residenza tax-xufier jew tal-ħaddiem mobbli" għandhom jidħlu l-kliem "fir-residenza tal-ħaddiem mobbli";

(ii) minflok il-kliem "ibbażat normalment ix-xufier jew il-ħaddiem mobbli" għandhom jidħlu l-kliem

VERŻJONI ELETTRONIKA

"ibbażat normalment il-ħaddiem mobbli"; u

(iii) minflok il-kliem "mistrieħ jew waqfien sakemm ix-xufier jew il-ħaddiem mobbli" għandhom jidħlu l-kliem "mistrieħ jew waqfien sakemm il-ħaddiem mobbli";

(ċ) fis-subregolament (3) tiegħu, minflok il-kliem "ħin użat mix-xufier" għandhom jidħlu l-kliem "ħin użat mill-ħaddiem mobbli" u minflok il-kliem "ibbażat normalment ix-xufier" għandhom jidħlu l-kliem "ibbażat normalment il-ħaddiem mobbli".

Jemenda r-regolament 32 tar-regolamenti prinċipali.

12. Fir-regolament 32 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "ta' dawn ir-regolamenti" għandhom jidħlu l-kliem "tar-regolamenti 27(2), 27(3), 27(4), 27(5), 28(2), 29 u 30".

Jemenda r-regolament 33 tar-regolamenti prinċipali.

13. Ir-regolament 33 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) fil-paragrafu (a) tas-subregolament (1) tiegħu, minflok il-kliem "jorganizza x-xogħol tax-xufiera u ta' ħaddiema mobbli oħra" għandhom jidħlu l-kliem "jorganizza x-xogħol ta' ħaddiema mobbli"; u minflok il-kliem "kull leġislazzjoni relevanti oħra," għandhom jidħlu l-kliem "kull liġi relevanti oħra;";

(b) fil-paragrafu (b) tas-subregolament (1) tiegħu, minflok il-kliem "tar-regolamenti 27 sa 30," għandhom jidħlu l-kliem "tar-regolamenti 27 sa 30, ir-regoli interni tal-impriża tat-trasport, fejn japplikaw," u minflok il-kliem "abbażi ta' dawn ir-regolamenti," għandhom jidħlu l-kliem "abbażi ta' dawn ir-regolamenti;"

(ċ) minflok il-paragrafu (ċ) tas-subregolament (1) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:–

"(ċ) iżomm record tal-ħin maħdum minn kull ħaddiem mobbli fl-impjieg tiegħu skont il-paragrafu (b) tas-subregolament (1) tar-regolament 73. Il-ħin tax-xogħol jista' jiġi reġistrat b'kull apparat li jintuża għar-reġistrazzjoni li huwa disponibbli għall-użu tal-ħaddiema mobbli, jew f'log book maħruġ mill-Awtorità għal raġunijiet ta' reġistrar tal-ħin tax-xogħol; u";

(d) minflok il-paragrafu (d) tas-subregolament (1) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:-

"(d) jipprovdi, fuq talba tal-ħaddiem mobbli, kopja tar-record tas-sigħat li dak il-ħaddiem mobbli jkun ħadem.".

(e) minflok is-subregolament (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:-

"(2) Ħaddiem mobbli għandu, meta jintalab jagħmel hekk mill-prinċipal tiegħu, jgħarraf lill-prinċipal tiegħu dwar kull ħin li hu jkun ħadem għal prinċipal ieħor biex dan jiġi inkluż fil-kalkolu tal-ħin tax-xogħol tal-ħaddiem mobbli.";

(f) is-subregolament (5) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala subregolament (9) u fis-subregolament (9) kif enumerat mill-ġdid, minnufih wara l-kliem "regolamenti 27 sa 29" għandhom jidħlu l-kliem "u 33"; u

(g) minnufih wara s-subregolament (4) għandhom jidħlu s-subregolamenti l-ġodda li ġejjin:-

"(5) Xufier li jaħdem għal rasu għandu jżomm record ta' kull ħin tax-xogħol bl-użu ta' kull apparat li jintuża għar-reġistrazzjoni jew f'log book maħruġ mill-Awtorità għal dawk ir-raġunijiet u għandu jżomm dawn ir-records fil-pussess tiegħu f'kull ħin waqt il-ħin tax-xogħol.

(6) Ir-records imsemmija fis-subregolament (5) għandhom jinżammu mix-xufier li jaħdem għal rasu għal perjodu ta' sentejn wara li jintemm il-perjodu kopert bl-istess records.

(7) Ix-xufier li jaħdem għal rasu u l-prinċipal tal-ħaddiema mobbli għandhom, fuq talba tal-Awtorità, jipprovdu kopji tar-records kollha miżmuma skont dan ir-regolament lill-Awtorità biex din tkun tista' taħmel spezzjoni. Dawn il-kopji għandhom jiġu ċertifikati bil-firma tax-xufier li jaħdem għal rasu jew il-prinċipal skont il-każ.

(8) Kull uffiċjal awtorizzat li jispezzjona jista'

VERŻJONI ELETTRONIKA

jagħmel spezzjonijiet fil-postijiet tax-xogħol biex jiżgura konformità mar-regolament 33 ta' dawn ir-regolamenti."

Jemenda ir-Raba' Skeda mar-regolamenti prinċipali.

14. Taqsima I tar-Raba' Skeda tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:-

(a) il-paragrafu (5) u l- paragrafu (6) tagħha għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafu (7) u l-paragrafu (8) rispettivament; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (4) għandhom jiżdiedu dawn il-paragrafi ġodda li ġejjin:

"5. Vetturi speċjalizzati ta' assistenza f'każ ta' ħsara li joperaw f'raġġ ta' 100 kilometru mill-bażi tagħhom;

6. Vetturi li jkunu qed isirulhom testijiet fit-triq għal żvilupp tekniku, għal tiswija jew għal skop ta' manutenzjoni, u vetturi ġodda jew li ġew mibnija mill-ġdid li ma jkunux għadhom tqiegħdu fis-servizz;".